MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 928/2008/1

**MIB Insurance Brokers (Malta) Limited (C-3540) ghan-nom u in rapprezentanza ta' ditta estera Lloyds Underwriters**

**v.**

**Maria Camilleri f'isimha proprju, l-Avukat Anthony Cutajar u**

**l-Prokuratrici Legali Hilda Ellul Mercer kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw il-wirt battal ta' Paul Camilleri**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors mahluf li pprezentat is-socjeta` attrici fis-16 ta' Settembru 2008 li jaqra hekk:

> "Peress illi fit-12 ta' Marzu 2008 Paul Camilleri u martu Maria kienu qed jahznu n-nar illegalment fi proprjeta` gewwa Triq Hal Dghejf fin-Naxxar;
>
> "Peress illi l-proprjeta` fejn kien mahzun u qed jinhadem dan in-nar tigi ezatt fuq il-proprjeta` ta' Edward Bugeja li qeghda numru 7 Hacienda, Triq Hal Dghejf, Naxxar;
>
> "Peress illi n-nar illegali mahzun minn Paul Camilleri u martu Maria Camilleri sploda u ghamel hsarat kbar fid-dintorni u garraf id-dar ta' Edward Bugeja numru 7 Hacienda Triq Hal Dghejf, Naxxar – dokument A huwa r-rapport tal-*loss adjuster*. Dok B huwa kopja tac-cekk imhallas sabiex saret is-*survey*. Dok C huwa r-rapport peritali;
>
> "Paul Camilleri miet fl-incident u halla warajh lil martu Maria Camilleri u lil ibnu Alan Camilleri;
>
> "Peress illi Edward Bugeja kien assikurat mal-atturi nomine;
>
> "Peress illi l-atturi a bazi tal-kuntratt ta' assikurazzjoni hallsu lill-istess Edward Bugeja s-somma ta' €40,764 (dok D huwa kopja tac-cekk) u inoltre hallsu lil *'loss adjuster'* €2,398 kif gia` inghad – dok B;

"Peress illi a bazi ta' dan il-hlas l-atturi gew surrogati fid-drittijiet ta' Edward Bugeja kontra kull min jista' jkun responsabbli ghall-incident de quo Dok E hija s-surroga;

Peress illi jigi li l-atturi sofrew Danni fl-ammont fuq indikat u dan minhabba negligenza, imperizja, nuqqas ta' tharis tal-ligi u tar-regolamenti da parti tal-konvenuti jew min minnhom.

"Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

"1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghall-incident li gara fit-12 ta' Marzu 2008 u li permezz tieghu Edward Bugeja tilef id-dar tieghu;

"2. Tiddikjara li frott ta' dan l-incident l-atturi sofrew danni ammontanti ghal tlieta u erbghin elf, mija u tnejn u sittin Euro (€43,162);

"3. Stante s-surroga tal-atturi fid-drittijiet ta' Edward Bugeja tordna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-atturi s-somma ta' tlieta u erbghin elf mija u tnejn u sittin Euro (€43,162).

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-5 ta' Gunju 2008 u tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment u bl-interessi legali."

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenuta Maria Camilleri li in forza taghha eccepiet illi:

"1. Illi Maria Camilleri rrinunzjat ghall-wirt ta' zewgha Paul Camilleri wara r-rinunzja ta' binha Alan ghall-wirt ta' missieru u ghalhekk inkwantu ghall-gid ta' Paul Camilleri hi mhix il-legittima kontraditrici.

"2. Illi Maria Camilleri mhix responsabbli ghal kull agir illegali li allegatament ikkommetta zewgha u li kien il-kawza tal-allegati danni sofferti mill-assikurati

tar-rikorrenti stante li ma kellha ebda konjizzjoni ta’ dan l-allegat agir illegali jew b’xi mod setghet ikkontribwiet b’negligenza jew mod iehor ghad-dannu allegatament soffert mir-rikorrenti. Kwindi hi mhix responsabbli ghal kwalsiasi danni li jistghu semmai jigu likwidati favur tar-rikorrenti, b’sehemha mill-komunjoni tal-akkwista ezistenti bejnha u zewgha Paul Camilleri, kif ukoll bl-assi parafernali taghha u dan a terminu tal-Artikolu 1327(f) et sequitur tal-Kodici Civili.

“3. Illi konsegwentement il-mandat ta’ sekwestru numru 1418/08 ghandu jigi mnehhi fil-konfront ta’ Maria Camilleri safejn jirrigwarda sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti.

“4. Illi fil-mertu r-rikorrenti jridu jippruvaw it-talba taghhom u ness legali u fattwali bejn l-agir ta’ Paul Camilleri u konsegwenti dannu subit minnhom.

“5. Salv u impregudikat id-dritt tal-esponenti ghad-danni kagonati u li qed jigu kagonati bl-agir tar-rikorrenti.”

Rat ir-risposta mahlufa tal-kuraturi deputati li in forza taghha eccepew illi:

“1. Illi f’dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri.”

Rat is-sentenza li tat il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta’ Ottubru 2011, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

“… … tillikwida d-danni li għalihom għandhom jagħmlu tajjeb il-konvenuti fis-somma ta’ erbgħin elf, seba’ mija u erbgħa u sittin euro (€40,764), u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati flimkien mal-imgħaxijiet relativi minn dakinhar li saret talba għall-ħlas b’att ġudizzjarju u l-ispejjeż tal-kawża.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"7. Paul Camilleri u martu l-konvenuta kienu joqogħdu ma' binhom f'dar fi Triq Ħal Dgħejf, in-Naxxar. Imniffed ma' din id-dar kien hemm *garage* li kellu wkoll bieb għat-triq. Kellhom ukoll żewġ *garages* oħra fl-istess triq. Paul Camilleri kien dilettant tan-nar u kellu wkoll liċenza tal-pulizija biex ikun jista' jgħin f'fabbrika tan-nar u biex jaħraq in-nar iżda mhux biex jaħdmu waħdu, aktar u aktar f'post abitat. Minkejja dan Paul Camilleri kien bi ksur tal-liġi jmexxi fabbrika klandestina tan-nar fil-*garage* li jinfed mad-dar tiegħu u fiż-żewġ *garages* l-oħra.

"8. Ġara li, fit-12 ta' Marzu 2008, meta Paul Camilleri kien waħdu fil-*garage* ta' mad-dar, b'xorti ħażina iżda, jista jingħad, inevitabilment meta xogħol bħal dan isir klandestinament mingħajr il-prekawzjonijiet u s-superviżjoni li trid il-liġi, seħħet splużjoni ta' bejn ħames u għaxar kili (5-10 Kg) ta' sustanza esplożiva li jew kienet maħżuna jew kien qiegħed jaħdem fuquha Paul Camilleri fil-*garage*. L-isplużjoni, għax seħħet f'post magħħluq, kienet qawwija biżżejjed biex waqqgħet id-dar ta' Camilleri u żewġt idjar oħra tal-ġirien, fosthom Edward Bugeja. Traġikament tilfu ħajjithom tnejn min-nies – l-istess Paul Camilleri u ġâra – waqt li tnejn oħra – fosthom il-konvenuta Maria Camilleri – għalkemm kienu fid-djar li ġġarrfu ma weġġgħux. It-tifel ta' Camilleri b'xorti tajba ma kienx id-dar. Vettura ta' Paul Camilleri li kienet parkeġġjata quddiem il-*garage* ukoll taret bis-saħħa tal-isplużjoni.

"9. Wara l-inċident marru minnufih il-pulizija u uffiċjali tal-protezzjoni ċivili u tal-armata fuq il-post biex jagħtu l-għajnuna u jżommu l-ordni. Xi ħadd qalilhom biż-żewġ *garages* oħra li kellu Paul Camilleri u, meta dawn infetħu, instab illi kien hemm aktar sustanza esplożiva maħżuna fihom u din kellha, b'sogru kbir, titneħħa biex ma tibqax ta' perikolu.

"10. Dwar il-ħtija ta' Paul Camilleri ma jista' jkun hemm ebda kontestazzjoni serja. B'nuqqas kbir ta' għaqal u b'irresponsabilità ta' min jikkundannha bla riżervi kien jaħdem u jżomm sustanza esploživa fi nħawi residenzjali u f'kull waqt joħloq perikolu ta' mewt mhux biss għalih u għal martu u ibnu iżda wkoll għal min moħħu mistrieħ f'daru xejn ma kien jaf li qiegħed fuq bomba. Ir-responsabilità ċivili ta' Paul Camilleri u tal-wirt tiegħu hija ċara.

"11. Il-kwistjoni f'din il-kawża essenzjalment hija jekk tweġibx ukoll martu l-konvenuta, kemm b'sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti u kemm bil-beni parafernali tagħha. Il-materja hija regolata bl-art. 1327 *et seqq.* tal-Kodiċi Ċivili:

> "**"1327.** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 1329 il-beni li jkunu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jbatu biss id-djun li ġejjin:
>
> "… … …
>
> "(*f*) kull dejn jew indennizz dovut bħala rimedju ċivili minn xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bħala rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda.
>
> "… … …
>
> "**1329.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, il-kredituri ta' parti fiż-żwieġ għal djun li ma tbatihomx il-komunjoni ta' l-akkwisti, sew jekk id-dejn ikun sar qabel iż-żwieġ jew wara, jistgħu, meta dawk il-kredituri ma jkunux jistgħu jissodisfaw it-talba tagħhom kontra l-beni parafernali ta' dik il-parti, jinforzaw it-talba tagħhom *in subsidium* kontra l-beni li jkunu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti iżda biss sal-valur li dik il-parti jkollha mill-komunjoni ta' l-akkwisti.
>
> "… … …
>
> "**1330.** Meta l-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ma jkunux biżżejjed biex jitħallsu d-djun li jkunu piż fuqhom, il-kredituri ta' dik il-komunjoni jistgħu jinforzaw it-talba tagħhom *in subsidium* kontra l-beni parafernali tal-miżżewġin:
>
> "Iżda meta -
>
> > "(*a*) id-dejn jew indennizz ikun dovut bħala rimedju ċivili dwar reat magħmul bir-rieda minn xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ; jew
> >
> > "(*b*) id-dejn jinħoloq mill-eżerċizzju ta' sengħa, negozju jew professjoni kif imsemmi fl-artikolu 1324;
>
> "il-kredituri ma jistgħux jinfurzaw it-talba tagħhom kontra l-beni parafernali tal-parti miżżewġa li ma tkunx hi li minħabba fiha nħolqot it-talba, iżda jistgħu f'dawn il-każijiet jinfurzaw it-talba tagħhom sal-limitu ta' kull parti li tibqa' ma titħallasx mill-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, kontra l-beni parafernali tal-parti li minħabba fiha nħolqot it-talba."

"12. Li rridu naraw għalhekk huwa l-ewwelnett jekk dak li qegħdin ifittxu l-atturi huwiex "rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda". Jekk iva, il-konvenuta ma tweġibx b'sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti u bil-beni parafernali tagħha, iżda twieġeb jekk hi kellha sehem f'dak ir-reat.

"13. L-argument tal-attriċi hi illi l-ħsara seħħet b'konsegwenza ta' "reat li sar bir-rieda" għax Paul Camilleri ħadem u ħażen sostanza esploživa, bi ksur preżumibilment tal-artt. 28 *et seqq.* tal-Ordinanza dwar l-Esplożivi [Kap. 33]. Tkompli tgħid illi hija ma kienet taf xejn b'din l-attività illeċita ta' żewġha u għalhekk ma tistax titqies illi hija kienet b'xi mod kompliċi miegħu jew li kellha xi sehem fir-reat.

"14. Fil-fehma tal-qorti, ir-rimedju li qegħdin ifittxu l-atturi ma huwiex rimedju dwar ir-reat ta' min jaħdem jew iżomm jew jaħżen in-nar, iżda rimedju dwar ir-reat ta' ħsara involontarja lill-proprjetà taħt l-art. 328 tal-Kodiċi Penali li tiegħu jkun ħati "kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew iħassar jew jgħarraq xi ħaġa ". Dak li għamel "bir-rieda" Paul Camilleri ma kienx li jagħmel ħsara lill-proprjetà iżda li jaħdem u jżomm in-nar: ir-rimedju li qegħdin ifittxu l-atturi ma huwiex dwar ix-xogħol jew il-ħażna tan-nar iżda dwar il-ħsara lill-proprjetà.

"15. Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, ladarba l-ħsara ma saritx "bir-rieda", ma taqax taħt l-art. 1327(*f*) tal-Kodiċi Ċivili u twieġeb għaliha l-komunjoni tal-akkwisti u *in subsidium* il-beni parafernali tal-miżżewġin Camilleri.

"16. Barra minn hekk, ukoll jekk b'xi mod jista' jitqies li sar reat "bir-rieda", din il-qorti lanqas wisq temmen illi l-konvenuta, għall-inqas għall-għanijiet tar-responsabilità ċivili, ma kellhiex sehem fir-reat. Il-qorti waslet għal din il-konklużjoni mhux wisq għax issib konvinċenti l-argumenti tal-atturi iżda aktar mix-xiehda tal-konvenuta stess.

"17. L-atturi jitilqu mill-premessa illi Paul Camilleri kien ilu żmien jaħdem u jżomm in-nar fil-*garage* fejn seħħ l-inċident u fil-*garages* l-oħra li kellu u li matul dak iż-żmien kollu xejn ma għandu mis-sewwa li martu ma tkun taf xejn b'dak li kien jagħmel. Igħidu wkoll illi ladarba kien impjegat b'paga x'aktarx baxxa martu setgħet tobsor li biex seta' xtara żewġ *garages* kellu xi dħul ieħor minn attività oħra u li dawn il-*garages* kien jinqeda bihom għal din l-attività ladarba kellu biss vettura waħda li għaliha ma kienx jeħtieġ tliet *garages*. Igħidu wkoll illi ma titwemminx il-konvenuta meta tgħid illi qatt ma daħlet f'dawn il-*garages*, għall-inqas f'dak li jinfed mad-dar.

"18. Li hemm dgħajjef f'dan l-argument hija l-premessa illi x-xogħol tan-nar fil-*garage* kien ilu għaddej żmien twil għax ta' dan ma hemm ebda prova. Paul Camilleri kien jagħmel xogħol *part-time* ta' mastrudaxxa sakemm waqaf minn dan ix-xogħol xi snin qabel l-inċident. Il-*garages* xtrahom fis-snin disgħin, meta

kien għadu jagħmel dan ix-xogħol, u ma hemm xejn li juri illi dak iż-żmien ma kienx xtrahom biex jaħdem l-injam fihom.

"19. Dak li x'aktarx iħasseb lill-qorti hija l-insistenza xejn konvinċenti tal-konvenuta li qatt ma daħlet fil-*garage* ta' mad-dar ħlief meta tidħol ma' żewġha bil-karrozza u f'dak il-każ timxi dritt lejn il-bieb li jniffed mad-dar bla ma tħares madwara u bla ma tara xejn. Tgħid ukoll illi lanqas meta tkun trid issejjaħ lil żewġha għall-ikel ma kienet tmur għalih fil-*garage* għax ma kintx tkun taf fejn ikun u l-*garage* kien ikun imsakkar u hi ma kellhiex ċavetta; minflok, kienet tikkomunika miegħu b'*sms* għalkemm seta' jkun li kienu fl-istess bini. Dan kollu xejn ma hu konvinċenti, aktar u aktar meta hemm xiehda li jgħidu li spiss kienu jarawha dieħla u ħierġa fil-*garage*.

"20. Għalfejn din l-insistenza kollha tal-konvenuta li qatt ma daħlet fil-*garage* jew li meta daħlet fil-karrozza ma tatx każ ta' x'hemm għax għaliha ma kienx jifforma parti mid-dar fejn toqgħod[1] jekk mhux biex taħbi l-fatt li kienet taf x'kien isir hemm ġewwa?

"21. Il-verità toħroġ minn xi *lapsus* fix-xiehda tal-konvenuta. Hekk, fl-*affidavit* tagħha[2] tgħid hekk:

> ""Żewġi kien dilettant tal-festa u tal-logħob tan-nar tal-art. Qatt ma qalli jew tani x'nifem *li kien jaghmel loghob tan-nar ieħor*."

"22. Mela kienet taf li kien jagħmel logħob tan-nar, minn "dan" jekk mhux mill-"ieħor".

"23. *Lapsus* ieħor kien meta kienet qiegħda tixhed fuq iż-żewġ *garages* l-oħra li bla ħsieb, għax insiet li riedet tgħid li dawn qatt ma daħlet fihom, qalet li huma "iżgħar minn din il-kamra"[3], *i.e.* mill-awla tal-qorti. Meta mbagħad qalet li "qatt" ma daħlet fihom u saritilha mistoqsija kif taf id-daqs tagħhom jekk qatt ma daħlet fihom, wieġbet li "ġieli kien ikun miftuħ, tittawwal … … … u tarah"[4]; id-daqs kienet tarah iżda dwar x'kien hemm maħżun ma qalet xejn.

---

[1] *Affidavit* tal-konvenuta, para. 5, *fol.* 65.
[2] Para. 9, *fol.* 66.
[3] Xiehda tal-konvenuta fis-seduta tad-19 ta' Frar 2010, *fol.* 300.
[4] *Ibid. fol.* 302.

"24. Il-qorti għalhekk temmen illi ma hu minnu xejn illi l-konvenuta qatt ma daħlet fil-*garage*, għallinqas dak ta' mad-dar, u ma kinitx taf żewġha x'kien jagħmel fih. L-insistenza tagħha li tiċħad dan tagħtik x'tifhem illi kienet taf li dak li kien isir fil-*garage* kien xi ħaġa illeċita. Il-fatt li kienet taf li żewġha kien jaħdem b'sustanzi esplożivi fi nħawi residenzjali u ma għemlet xejn biex iżżommu jitfa' fuqha ħtija li għaliha jkollha twieġeb għall-ħsara.

"25. Kemm għax hija tal-fehma illi l-każ ma jaqax taħt l-art. 1327(*f*) tal-Kodiċi Ċivili u kemm għax temmen illi l-konvenuta kienet taf bl-attività ta' żewġha u ma għamlet xejn biex iżżommu, il-qorti tgħid illi kemm il-wirt ta' Paul Camilleri u kemm il-konvenuta Maria Camilleri jwieġbu għad-danni bil-beni tal-komunjoni u *in subsidium* bil-beni parafernali.

"26. Il-ħsara li għaliha għamlu tajjeb l-atturi taħt il-polza ta' assikurazzjoni, u li għandhom iwieġbu għaliha l-konvenuti, kienet ta' erbgħin elf, seba' mija u erbgħa u sittin euro (€40,764). Dwar id-drittijiet tal-*loss adjuster* il-qorti ma tarax illi dawn huma parti mid-danni li għalihom għandhom iwieġbu l-konvenuti għax jiddependu biss fuq il-fatt illi l-proprjetà kienet assikurata u mhux fatt li għalih jaħtu l-konvenuti. Barra minn hekk l-intervent ta' *loss adjuster* fiċ-ċirkostanzi partikolari ma kienx meħtieġ jew utli għal-likwidazzjoni tad-danni. Ukoll, l-atturi ma wrew ebda riċevuta fiskali tal-ħlas magħmul lil-*loss adjuster*."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuta Maria Camilleri li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

"… … thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Ottubru 2011, fl-ismijiet ta' **MIB Insurance Brokers (Malta) Limited (C-3540) ghan-nom u in rapprezentanza ta' ditta estera Lloyds Underwriters v. Maria Camilleri f'isimha proprju u Avukat Anthony Cutajar u Prokuratrici Hilda Ellul Mercer kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw il-wirt battal ta' Paul Camilleri per Imhallef Dr. Giannino Caruana Demajo;** u tirriforma billi:

"a) tiddikjara u tikkonferma illi l-intimata qua appellanti Maria Camilleri, detentrici tal-karta tal-identita` numru 618663M, f'isimha proprju, m'hijiex bl-ebda mod responsabbli ghall-incident li gara fit-12 ta' Marzu tas-sena 2008, li permezz tieghu Edward Bugeja garrab hsarat fid-dar tieghu u li frott ta' dan l-incident is-socjeta` rikorrenti nomina sofriet danni

ammontanti ghal erbghin elf, seba’ mija u erbgha u sittin Euro, bhala danni ta’ dan l-akkadut u skont polza ta’ assikurazzjoni li huma kellhom mal-imsemmi Edward Bugeja;

“b) konsegwentement, tilqa’ t-tieni eccezzjoni taghha, cioe` illi personalment l-intimata mhix responsabbli ghall-hsara allegatament sofferta mill-assikurat tas-socjeta` attrici stante li hi ma kellha ebda konjizzjoni tal-att illegali allegatament kommess minn zewgha, cioe` hazna ta’ nar fil-proprjeta` fi Triq Hal Dghejf, fin-Naxxar, jew b’xi mod ikkontribwiet b’negligenza jew mod iehor, ghad-dannu allegatament soffert mill-assikurat tas-socjeta` attrici. Kwindi hi mhix responsabbli ghal kwalsiasi dannu li jista’ jigi likwidat favur is-socjeta` attrici, la b’sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u zewgha Paul Camilleri, kif ukoll bl-assi parafernali taghha u dan, a terminu tal-Artikolu 1327(f) et sequitur tal-Kodici Civili;

“c) tirrevoka l-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur fil-konfront ta’ Maria Camilleri u dan safejn jirrigwarda sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti.

“Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellati.”

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet li pprezentaw il-partijiet quddiem din il-Qorti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li wasslu ghal din il-kawza huma ben esposti fil-partijiet preliminari tas-sentenza tal-ewwel Qorti. Il-punti li jridu jigu determinati, u li jiffurmaw il-meritu tal-aggravju tal-konvenuta appellanti, huma jekk il-konvenuta hijiex responsabbli ghal hsara li wettaq zewgha meta kien jahdem u jzomm sustanza esploziva b’mod illegali f’inhawi residenzjali u saret spluzjoni li konsegwenza taghha mietu nies u saret hsara fi proprjeta`, u, f’kull kaz, jekk il-konvenuta kinitx taf bil-hidma illegali ta’ zewgha. L-ewwel Qorti wiegbet fl-affermattiv ghal dawn iz-zewg kweziti, u l-konvenuta ressqet appell biex tilmenta minn dawn iz-zewg decizjonijiet tal-ewwel Qorti.

Trattat l-ewwel il-punt legali insitu fl-ewwel kwistjoni, din il-Qorti taqbel illi l-kwistjoni ddur mal-interpretazzjoni tal-frazi *“rimedju civili dwar reat li jkun sar bir-rieda”*, li tinsab fl-Artikoli 1327 sa 1330 tal-Kodici Civili. Jekk il-hsara li sehhet b’agir tar-ragel tal-konvenuta jista’ jigi hekk kwalifikat, allura l-konvenuta ma tkunx responsabbli ghad-dejn civili konsegwenzjali.

Din il-Qorti, wara li hasbet fuq il-punt, taqbel mal-ewwel Qorti li d-danni reklamati ma humiex konsegwenza diretta ta’ reat li sar bir-rieda. Ir-ragel tal-konvenuta ma riedx li jkollu spluzjoni u ma riedx li jmutu n-nies u ssir hsara fil-proprjeta` adjacenti, u dak li sehh hu la riedu u lanqas xtaqu. Jista’ jkun li, mil-

latt kriminali, il-mejjet zewgha kien ikun hati ta’ qtil u/jew hsara involontarja, pero`, dan mhux reat *“li jkun sar bir-rieda”*. Ir-ragel tal-konvenuta ‘ried’ jahzen u jahdem in-nar fil-fond tieghu, izda l-hsara li sehhet fil-proprjeta`, u li ghaliha s-socjeta` attrici qed titlob reimbors, hu ‘ma riedux’. Hu ovvju li l-ligi inkwistjoni trid teskulpa lil parti l-ohra fiz-zwieg ghar-responsabbilta` ghall-hsara li l-parti wettqet volontarjament u ghalhekk uzat il-kliem *“reat li sar bir-rieda”*. Dak li zewg il-konvenuta ghamel *“bir-rieda”* ma kienx il-hsara lill-proprjeta` ta’ terzi, u darba hu hekk id-dejn civili li nholoq huwa indenniz li jimpingi fuq il-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi Camilleri, u *in subsidium* kontra l-beni parafernali tal-mizzewgin.

Dan hu bizzejjed biex il-Qorti ssib favur it-tezi attrici. Ghal kull buon fini, tghid ukoll li taqbel mal-analizi tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti fejn ikkonkludiet li l-konvenuta, almenu civilment, kienet kompartecipi f’dak li sehh.

Qabel xejn, fil-kuntest tat-talba tal-appellanti ghal prezentata ta’ dokumenti fl-istadju ta’ dan l-appell, konsistenti f’zewg rapporti psikjatrici, din il-Qorti mhux sejra tqis l-istess bhala li ghandhom valur probatorju. Fl-ewwel lok ma giex muri li dawn ir-rapporti ma setghux jintalbu u jigu prodotti fi stadju tas-smiegh tal-provi quddiem l-ewwel Qorti, u, fit-tieni lok, ma jidhirx li ghandhom xi rilevanza, darba li mhux allegat li l-konvenuta hi inkapaci toqghod f’kawza. Fil-fatt, fl-ahhar rapport jinghad li *“ma kienx hemm evidenza ta’ xi mard psikjatriku*

*serju"* fil-konvenuta, u ghalkemm tbati b'epilepsja, *"din il-kundizzjoni generalment ma taffettwax il-fakultajiet konjittivi, specjalment meta tkun ikkontrollata tajjeb, kif inhu l-kaz fis-sinjura Camilleri."*

L-ewwel Qorti stqarret li ma hi konvinta xejn minn dak li qalet il-konvenuta li ma kinitx taf x'kien jaghmel zewgha fil-*garage* anness mad-dar taghhom, u din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi, ma tahsibx mod iehor. Jirrizulta li l-ispluzjoni sehhet f'*garage* li jinfed u jifforma parti integrali mid-dar matrimonjali tal-konjugi, u li l-konvenuta kienet *"il-bicca 'l kbira"* tidhol u tohrog ghad-dar taghha mill-bieb tal-*garage* li sploda. Fil-inhawi u fuq ix-xoghol fejn kien jahdem ir-ragel tal-konvenuta, kienet tigri l-kelma li dan kien jahdem u jzomm in-nar fil-*garage* tieghu, u ta' spiss kienu johorgu trukkijiet b'materjal spluziv mill-istess *garage*. Zewg il-konvenuta kien ilu seba' jew tmien snin jahdem in-nar, u zgur li l-istess konvenuta kienet taf x'inhu jigri fil-*garage* u x'kien jaghmel zewgha. Hu kien mastrudaxxa li, pero`, waqaf f'dan il-mestjer xi seba' snin qabel l-incident, u martu zgur kienet taf, allura, bil-*'mestjer'* l-iehor li qabad jaghmel fil-*garage* zewgha. Terzi li kienu jidhlu fil-*garage* kienu jaraw il-murtali u oggetti ohra relatati man-nar, u allura difficli li tkun affidabbli l-konvenuta meta tghid li qatt ma rat xejn relatat man-nar fil-*garage*. Ma tridx ikollok xi grad ta' intelligenza biex tinduna b'dan.

Ir-ragel tal-konvenuta kellu qliegh ta' Lm70 fil-gimgha mill-impieg li kellu, pero`, waqaf mix-xoghol *part-time* ta' mastrudaxxa u xtara zewg *garages* ohra fil-vicinanzi, fejn ukoll kien izomm l-ispluzivi u li fihom ukoll il-konvenuta qalet li qatt ma dahlet. Gie deskritt li r-ragel tal-konvenuta, kellu *"speci ta' fabbrika tan-nar"* fit-triq fejn joqghod, u f'dawn ic-cirkostanzi hu zgur li l-konvenuta kienet konxja mill-attivita` li kien qed iwettaq zewgha.

Il-komplicita` civili, kif jghallmu l-awturi, hi sodisfatta anke b'partecipazzjoni sekondarja, b'mezzi li jghinu b'xi mod fl-ezekuzzjoni tal-attivita` li wasslet ghall-hsara. F'dan il-kaz, ghalkemm forsi l-konvenuta ma kinitx personalment tghin fix-xoghol tan-nar, kienet, b'ghemilha, zgur issostnih u tissapportah u dgawdi mill-flus zejda li zewgha kien idahhal minn din l-attivita`.

Fl-ahhar nett din il-Qorti trid tosserva li l-konvenuta appellanti diga` nstabet responsabbli ghall-istess akkadut b'sentenza li tat din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-31 ta' Mejju 2011 (proceduri ghar-ritrattazzjoni tal-kawza gew michuda b'sentenza tat-28 ta' Frar 2014), u issa din il-Qorti wara li ezaminat il-meritu mill-gdid, qed tikkondividi dik id-decizjoni.

Kollox ma' kollox, din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti qabilha, hi konvinta li l-konvenuta kienet ben konxja tal-attivita` illegali ta' zewgha u ghandha tinstab responsabbli mieghu ghall-akkadut.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuta Maria Camilleri billi tichad l-istess u tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-istess konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------